2025/1897

16.9.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1897

tat-12 ta' Settembru 2025

li jemenda għat-349 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), il-punt (a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-22 ta' Awwissu 2025, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1267(1999), 1989(2011) u 2253(2015), iddeċieda li jemenda ħames entrati fil-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u riżorsi finanzjarji.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President

Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja,
is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/881/oj.

ANNESS

Id-*data* tal-identifikazzjoni tal-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hija emendata kif ġej:

(1) "Ibrahim Ali Abu Bakr Tantoush (magħruf ukoll bħala (a) Abd al-Muhsin, (b) Ibrahim Ali Muhammad Abu Bakr, (c) Abdul Rahman, (d) Abu Anas, (e) Ibrahim Abubaker Tantouche, (f) Ibrahim Abubaker Tantoush, (g) Abd al-Muhsi, (h) Abd al-Rahman, (i) Abdel Ilah Sabri (identità falza relatata man-numru tal-identifikazzjoni frawdolenti Sud Afrikan 6910275240086 konness man-numru tal-passaport Sud Afrikan 434021161, iż-żewġ dokumenti ġew ikkonfiskati)). Indirizz: Tripli, il-Libja (fi Frar 2014). Data tat-twelid: 2.2.1966. Post tat-twelid: al Aziziyya, il-Libja. Nazzjonalità: Libjana. Numru tal-Passaport: (a) Passaport Libjan bin-numru 203037, maħruġ fi Tripli, il-Libja (b) passaport Libjan bin-numru 347834, maħruġ bl-isem ta' Ibrahim Ali Tantoush, skada fil-21 ta' Frar 2014). Informazzjoni oħra: (a) Assoċjat mal-Afghan Support Committee (ASC), mar-Revival of Islamic Heritage Society (RIHS) u mal-Libyan Islamic Fighting Group (LIFG) Ritratt u marki tas-swaba disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-UNSC. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002."

hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ibrahim Ali Abu Bakr Tantoush (kitba oriġinali: ابراهيم علي أبو بكر تنتوش) (psewdonimu affidabbli: (a) Abd al-Muhsin, (b) Ibrahim Ali Muhammad Abu Bakr, (c) Abdul Rahman, (d) Abu Anas, (e) Ibrahim Abubaker Tantouche, (f) Ibrahim Abubaker Tantoush, (g) Abd al-Muhsi, (h) Abd al-Rahman, (i) Abdel Ilah Sabri (identità falza relatata man-numru tal-identifikazzjoni frawdolenti Sud Afrikan 6910275240086 konness man-numru tal-passaport Sud Afrikan 434021161, iż-żewġ dokumenti ġew ikkonfiskati); psewdonimu inqas affidabbli: Al-Libi). Data tat-twelid: 2.2.1966. Post tat-twelid: al Aziziyya, il-Libja. Nazzjonalità: Libjana. Numru tal-Passaport: (a) 203037 (passaport Libjan maħruġ fi Tripli, il-Libja), (b) 347834 (passaport Libjan maħruġ bl-isem ta' Ibrahim Ali Tantoush, li skada fil-21.2.2014). Indirizz: l-Afganistan (f'Ġunju 2014). Informazzjoni oħra: (a) Assoċjat mal-Afghan Support Committee (ASC), Revival of Islamic Heritage Society (RIHS) and the Libyan Islamic Fighting Group (LIFG). Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 11.1.2002."

(2) "Al-Azhar Ben Khalifa Ben Ahmed Rouine (alias (a) Salmane, (b) Lazhar). Indirizz: 2 Triq nru 89, Zehrouni, Tuneż, it-Tuneżija. Data tat-twelid: 20.11.1975. Post tat-twelid: Sfax, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-passaport: (a) P182583 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-13.9.2003, li skada fit-12.9.2007), (b) 05258253 (identifikazzjoni Nazzjonali). Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 12.11.2003."

hija sostitwita b'dan li ġej:

"Al-Azhar Ben Khalifa Ben Ahmed Rouine (kitba oriġinali: الأزهر بن خليفة بن احمد روين) (psewdonimu inqas affidabbli: (a) Salmane, (b) Lazhar). Data tat-twelid: 20.11.1975. Post tat-twelid: Sfax, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: P182583 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-13.9.2003, li skada fit-12.9.2007). Indirizz: 2 Triq Nru 89, Zehrouni, Tuneż, it-Tuneżija. Informazzjoni oħra: (a) ikkundannat għal sitt snin u għaxar xhur priġunerija għal sħubija f'assoċjazzjoni terroristika mill-Qorti tal-Appell ta' Milan, l-Italja, fis-7.2.2008, (b) priġunier fil-ħabs ta' Sfax fil-5.6.2007 skont ordni maħruġa mit-Tribunal tal-Appell fit-Tuneżija talli ngħaqad ma' organizzazzjoni marbuta ma' reati terroristiċi (il-kawża Nru.9301/207), (c) ikkundannat għal sentejn u 15-il jum priġunerija u nħeles fit-18.6.2008, (d) meqjus maħrub mill-ġustizzja mill-awtoritajiet Taljani sa minn Lulju 2008, (e) fl-20.1.2009, l-awtoritajiet Taljani ħarġu ordni ta' detenzjoni (Nru 70/2009 S.I.E.P), wara sentenza ta' 3 snin, 4 xhur u 29 jum għal reati relatati mat-terroriżmu, (f) taħt miżura ta' kontroll amministrattiv fit-Tuneżija sa mill-2010. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 12.11.2003."

(3) "Sulaiman Jassem Sulaiman Ali Abo Ghaith (magħruf ukoll bħala Abo Ghaith). Data tat-twelid: 14.12.1965. Post tat-twelid: Il-Kuwajt. Nru tal-Passaport: 849594 (Passaport Kuwajti maħruġ fis-27.11.1998 fil-Kuwajt, li skada fl-24.6.2003). Tagħrif ieħor: (a) Ċittadinanza tal-Kuwajt irtirata fl-2002; (b) Ħalla l-Kuwajt u mar il-Pakistan f'Ġunju 2001. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 16.1.2004."

hija sostitwita b'dan li ġej:

"Sulaiman Jassem Sulaiman Ali Abo Ghaith (kitba oriġinali: سليمان جاسم سليمان علي أبوغيث) (psewdonimu inqas affidabbli: Abo Ghaith). Data tat-twelid: 14.12.1965. Post tat-twelid: il-Kuwajt. Numru tal-Passaport: 849594 (Passaport Kuwajti maħruġ fis-27.11.1998 fil-Kuwajt, li skada fl-24.6.2003). Informazzjoni oħra: (a) iċ-ċittadinanza tal-Kuwajt tiegħu ilha revokata sa mill-2001 u bħalissa jinsab detenut il-ħabs fl-Istati Uniti tal-Amerka; (b) ħalla l-Kuwajt u mar il-Pakistan f'Ġunju 2001. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 16.1.2004."

(4) “Shafi Sultan Mohammed Al-Ajmi (alias (a) Shafi al-Ajmi; (b) Sheikh Shafi al-Ajmi; (c) Shaykh Abu-Sultan). Titolu: Doctor. Data tat-twelid: 1.1.1973. Post tat-twelid: Warah, il-Kuwajt. Indirizz: Area 3, Street 327, Building 41, Al-Uqaylah, Kuwait. Ċittadinanza: Kuwajtija. Nru tal-Passaport: 0216155930. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 23.9.2014.”

hija sostitwita b’dan li ġej:

“Shafi Sultan Mohammed Al-Ajmi (psewdonimu affidabbli: (a) Shafi al-Ajmi, (b) Sheikh Shafi al-Ajmi, (c) Shaykh Abu-Sultan). Titolu: tabib. Data tat-twelid: 1.1.1973. Post tat-twelid: Warah, il-Kuwajt. Nazzjonalità: Kuwajtija. Numru tal-Passaport: 0216155930. Indirizz: Area 3, Street 327, Building 41, Al-Uqaylah, Kuwait. Informazzjoni oħra: (a) jiġbor fondi għal Al-Nusrah Front for the People of the Levant, (b) f’Novembru 2023 inħeles mill-ħabs fil-Kuwajt bħala parti mid-Digriet Speċjali ta’ Amnestija ta’ Amiri Nru 225/2023. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 23.9.2014.”

(5) “Gulmurod Khalimov. Data tat-twelid (a) 14.5.1975, (b) bejn wieħed u ieħor 1975. Post tat-twelid: (a) iż-żona ta’ Varzob, it-Taġikistan, (b) Dushanbe, it-Taġikistan. Nazzjonalità: Taġikistana. Indirizz: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana (lok f’Settembru 2015). Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 29.2.2016.”

hija sostitwita b’dan li ġej:

“Gulmurod Khalimov. Data tat-twelid (a) 14.5.1975, (b) bejn wieħed u ieħor 1975. Post tat-twelid: (a) iż-żona ta’ Varzob, it-Taġikistan, (b) Dushanbe, it-Taġikistan. Nazzjonalità: Taġikistana. Indirizz: l-Afganistan (il-provinċji ta’ Kunar u Nuristan u ż-żoni tal-fruntiera tad-distrett ta’ Zebok, il-provinċja ta’ Badakhshan). Informazzjoni oħra: (a) espert militari bbażat fis-Sirja, membru u reklutatur tal-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante, (b) imfittex mill-Gvern tat-Taġikistan. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 29.2.2016.”